KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 33** **IS-SITT KUNSILL**

Il-tlieta u tletin seduta tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar l-Erbgħa **6 ta` April, 2011** fis-5.40 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer u l-Kunsilliera Marianne Aquilina, Yves Cali, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, Martin Debono, Julian Galea, Nicolai Gauci u Patrick Pace.

**UFFIĊĊJALI PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi u l-*Assistant Principal* Stefania Friggieri.

**SKUŻATI**

Il-Kunsillier Nikki Dimech (raġunijiet personali)

Is-Sindku ppresediet il-laqgħa

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Sindku ressqet għal attenzjoni tal-Kunsill il-minuti tal-laqgħat precedenti li kienu ccirkulati permezz ta' korrispondenza mal-Kunsilliera kollha.

Il-minuti kollha ġew meħuda bħala moqrija.

### 1.1 Minuti numru 26 *ad hoc* tal-4 ta' Marzu, 2011

*1.1.1* Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti li l-Kunsillier Y. Cali jiġi mniżżel bħala skużat minflokk assenti minħabba li hu kien bagħat korrispondenza lill-Kunsill fejn spjega għaliex ma setax jattendi għal din is-seduta.

*1.1.2.* Is-Sindku J. Gonzi pproponiet li jiġu approvati l-minuti b'din l-emmenda. Il-Viċi Sindku issekonda.

*1.1.3* **Il-Kunsill approva bi qbil unanimu dan is-sett ta' minuti tas-seduta numru 26 *ad hoc* tal-4 ta' Marzu 2011.**

### 1.2 Minuti numru 27 tad-9 ta' Frar, 2011

*1.2.1* Il-Kunsillier N. Gauci ppropona emmenda għal punt 28.3.17 għaliex kien ivvota kontra u mhux astjena. Qal ukoll li għandha tiżdied il-frażi: 'Il-mozzjoni għaddiet b'żewġ voti favur.' Il-Kunsillier B. Cali ssekonda.

1.2.1.1 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din l-emmenda.

*1.2.2* Il-Kunsillier P. Pace ippropona li ismu jitniżżel bħala "skużat" għax ma kienx imniżżel mal-lista ta' dawk preżenti għas-seduta. Il-Viċi Sindku ssekonda.

1.2.2.1 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din l-emmenda.

*1.2.3* Il-Kunsillier M. Debono ppropona li f'punt 28.3.1.6 tiżdied il-frażi 'Ma kienx hemm sekondat'. Il-Kunsillier N. Gauci issekonda.

1.2.3.1 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din l-emmenda.

*1.2.4* Is-Sindku pproponiet li l-minuti jiġu approvati b'dawn l-emmendi. Il-Viċi Sindku issekonda.

1.2.4.1 Il-Kunsillera S. Camilleri, E. Cuschieri, J. Galea, N. Gauci u P. Pace ivvotaw favur.

1.2.4.2 Il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali u M. Debono astjenew.

1.2.4.3 **Il-minuti tas-seduta numru 27 tad-9 ta' Frar, 2011 ġew approvati b'seba' (7) voti favur.**

## 1.3 Minuti numru 28 *ad hoc* tad-9 ta' Frar, 2011

*1.3.1* Is-Sindku pproponiet li l-minuti jiġu approvati. Il-Viċi Sindku issekonda.

1.3.1.1 Il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, N. Gauci, J. Galea u P. Pace ivvutaw favur.

1.3.1.2 Il-Kunsillier M. Debono astjena.

1.3.1.3 **Il-minuti tas-seduta numru 28 *ad hoc* tad-9 ta' Frar, 2011 ġew approvati b'disa' (9) voti favur.**

## 1.4 Minuti numru 29 tal-24 ta' Frar, 2011

*1.4.1* Il-Kunsillier M. Debono qal li f'punt 29.6.1.1 iridu jitniżżlu l-ismijiet tat-toroq.

1.4.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-toroq għandhom ikunu: Depiro, Nicolo Isouard, Manwel Dimech, Camenzuli u Gafar.

1.4.1.2 Is-Sindku pproponiet li ssir din l-emmenda. Il-Kunsillier S. Camilleri issekondat.

1.4.1.3 Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, E. Cuschieri, N. Gauci, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur.

1.4.1.4 Il-Kunsillier M. Debono astjena.

1.4.1.5 Din l-emenda ġiet approvata b'disa' (9) voti favur.

*1.4.2* Il-Kunsillier N. Gauci ippropona li l-frażi wara punt 29.3.33.2 u li taqra 'Il-Kunsilliera P. Pace u N. Gauci reġgħu daħlu lura għas-seduta fis-7.07 ta' filgħaxija' ghandha titneħħa. Il-Viċi Sindku ssekonda.

1.4.2.1 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu mal-proposta tal-Kunsillier N. Gauci.

*1.4.3* Is-Sindku pproponiet li l-minuti jiġu approvati b'dawn l-emmendi. Il-Viċi Sindku issekonda.

1.4.3.1 Il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, E. Cuschieri, N. Gauci, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur.

1.4.3.2 Il-Kunsilliera Y. Cali u M. Debono astjenew.

1.4.3.3 **Il-minuti tas-seduta numru 29 tal-24 ta' Frar, 2011 ġew approvati bi tmien (8) voti favur.**

1.5 <u>Minuti numru 30 ad hoc tat-2 ta' Marzu, 2011</u>

*1.5.1* Il-Kunsillier N. Gauci ppropona li f'punt 30.1.5 tiżdied l-ispjegazzjoni li l-pagament ma setgħax isir għaliex il-Kunsill ma kienx jaf bil-*photocopies* kif kienx infurmat bih. Qal ukoll li l-punut 30.1.5.1 għandu jiġi mibdul għal 30.1.5.2. Il-Kunsillier M. Debono issekonda.

1.5.1.1 Il-Kunsilliera S. Camilleri u P. Pace ivvotaw favur.

1.5.1.2 Is-Sindku, Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, E. Cuschieri u J. Galea astjenew.

1.5.1.3 L-emmenda għaddiet b'erba (4) voti favur.

*1.5.2* Is-Sindku ipproponiet li jiġu approvati l-minuti b'din l-emmenda. Il-Kunsillier N. Gauci issekonda.

1.5.2.1 Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera S. Camilleri, E. Cuschieri, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur.

1.5.2.2 Il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali u M. Debono astjenew.

1.5.2.3 **Il-minuti tas-seduta numru 30 *ad hoc* tat-2 ta' Marzu, 2011 ġew approvati b' seba' (7) voti favur.**

1.6 <u>Minuti numru 31 tad-9 ta' Marzu, 2011</u>

*1.6.1* Il-Kunsillier N. Gauci ppropona li ssir emmenda għal 31.2.4 li għanda tinqara kif ġej: 'Il-Kunsillier N. Gauci qal li f'laqgħa li kellu ma-Direttur Generali s-Sur Martin Bugelli, fejn kien hemm ukoll preżenti l-Viċi Sindku C. Engerer, il-Kunsilliera M. Aquilina, S, Camilleri u E. Cuschieri u s-Segretarju Eżekuttiv S. Curmi, ma kienx ġie infurmat li jekk laqgħa tkun kontinwazzjoni minn laqgħa oħra (jiġifieri tkun l-istess seduta) l-attendenza tkun immarkata għal kull seduta. Il-Viċi Sindku issekonda.

1.6.1.1 Is-Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono u P. Pace ivvotaw favur.

1.6.1.2 Il-Kunsillier J. Galea astjena.

1.6.1.3 L-emmenda għaddiet b'disa' (9) voti favur.

*1.6.2* Il-Kunsillier N. Gauci ppropona li ssir emmenda għal punt 31.2.8 u li għandha tinqara kif ġej: 'Il-Kunsillier N. Gauci ikkjarifika l-assenza tiegħu. Qal li fl-10 u fid-19 ta' Novembru, 2010 ma setax jattendi minħabba raġuniijiet ta' mard.' Il-Kunsillier P. Pace issekonda.

1.6.2.1 Is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, u M. Debono ivvotaw favur.

1.6.2.2 Il-Kunsillier J. Galea astjena.

1.6.2.3 L-emmenda għaddiet b'disa' (9) voti favur.

*1.6.3* Il-Kunsillier M. Debono rrefera għal punt 2.2. Hu qal li waqt l-imsemmija seduta kien qal li l-minuti għandhom jinqraw waqt is-seduta peress li kienu għaddew ħafna xhur minn meta saru s-seduti għall-meta qed jigu approvati l-minuti.

1.6.3.1 Il-Kunsillier M. Debono ppropona li jizdied il-kliem: 'Il-Kunsillier M. Debono qal li l-minuti għandhom jinqraw waqt is-seduta'. Il-Kunsillier Y. Cali issekonda.

1.6.3.2 Il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, E. Cuschieri, N. Gauci u P. Pace ivvotaw favur.

1.6.3.3 Is-Sindku J. Gonzi, il-Viċi Sindku, u l-Kunsillier J. Galea astjenew.

1.6.3.4 L-emmenda għaddiet b'seba' (7) voti favur.

*1.6.4* Is-Sindku qalet li wara li l-Kunsillier M. Debono qal li l-minuti għandhom jinqraw kelma b'kelma waqt is-seduta hi wiegbet billi qalet li dan m'għandux ikun galadarba l-minuti jkunu ntbagħtu fiz-zmien stipulat mil-ligi.

1.6.4.1 Is-Sindku pproponiet li għandu jiiżdied dan il-kliem kif ġej: 'Is-Sindku qalet li l-minuti kienu ilhom li ntbagħtu mill-15 ta' Novembru 2010 u diversi drabi oħra wara dan. Is-Sindku qalet li l-Kunsilliera kellhom biżżejjed żmien biex jaqraw dawn il-minuti u l-laqgħat tal-Kunsill ma kienx qed issiru biex jinqraw il-minuti waqt is-seduta paġna paġna. U dan m'għandux ikun. Is-Sindku qalet li s-Segretarju Eżekuttiv kienet qrat mil-liġi li jekk il-minuti jkunu ntbagħtu 'ħamest ijiem qabel, dawn jiġu meħuda bħala moqrija u fil-laqgħat għandhom isiru emmendi u xogħol ieħor tal-Kunsill.'

1.6.4.2 Il-Viċi Sindku ssekonda.

1.6.4.3 Il-Kunsilliera S. Camilleri, E. Cuschieri, N. Gauci u P. Pace ivvotaw favur.

1.6.4.4 Il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, M. Debono u J. Galea astjenew.

1.6.4.5 L-emmenda għaddiet b'sitt (6) voti favur.

1.6.4.6 Il-Kunsillier M. Debono xtaq jikkwalifika l-vot tiegħu għaliex qal li hu mhux dejjem jirċievi l-*emails.*

1.6.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsilliera għandhom jużaw l-indirizz tal-*email* tal-gov.mt minħabba li kien hemm cirkostanzi fejn emails minn indirizzi ta' provdituri tas-servizz tal-email privat qegħdin jew jidħlu bħala spam jew jitwaqqfu mill-MITA. Fakkret ukoll li kien qed isir ħlas biex il-membri tal-Kunsill ikollho għas-servizz tal-email 'gov.mt' kif mitlub mid-Dipartiment għal Gvern Lokali.

*1.6.5* Il-Kunsillier M. Debono qal li xtaq jipproponi emmenda għal punt 2.12.1 li permezz tagħha jizdied il-kliem kif ġej: 'Il-Kunsillier M. Debono qal li qed jistaqsi jekk il-kunratt tal-Green MT li ġie iffirmat mal-Kunsill (fit-22 ta' Settembru 2010), huwiex l-istess kuntratt li kien miftiehem mal-Kunsill'.

1.6.5.1 Il-Kunsillier N. Gauci issekonda.

1.6.5.2 Il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali u S. Camilleri ivvotaw favur.

1.6.5.3 Is-Sindku u l-Viċi Sindku ivvotaw kontra.

1.6.5.4 Il-Kunsilliera E. Cuschieri, J. Galea u P. Pace astjenew.

1.6.5.5 L-emmenda għaddiet b'ħames (5) voti favur.

*Il-laqgħa ġiet sospiża fis-7.15 ta' filgħaxija.*

*Il-laqgħa tkompliet fis-7.20 ta' filgħaxija.*

*1.6.6* Is-Sindku pproponiet li l-minuti jiġu approvati b'dawn l-emmendi. Il-Viċi Sindku issekonda.

1.6.6.1 Il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono, N. Gauci u P. Pace ivvotaw favur.

1.6.6.2 Il-Kunsillier J. Galea astjena.

1.6.6.3 **Il-minuti tas-seduta numru 31 tad-9 ta' Marzu, 2011 ġew approvati b' disa' (9) voti favur.**

**1.7 <u>Minuti numru 32 tad-9 ta' Marzu, 2011</u>**

*1.7.1* Is-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-minuti. Il-Kunsillier N. Gauci issekonda.

1.7.1.1 Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono u P. Pace ivvotaw favur.

1.7.1.2 Il-Kunsillier J. Galea astjena.

1.7.1.3 **Il-minuti tas-seduta numru 31 tad-9 ta' Marzu, 2011 ġew approvati b' disa' (9) voti favur.**

**2. Materji konnessi mal-minuti**

2.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li t-Transport Malta wiegbu għal korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill fejn it-TM kienet mistoqsija jekk jistax jibqa' għaddej is-servizz tat-trasport ċirkulari ma' Tas-Sliema. Hi qalet li r-risposta tat-TM kienet li s-servizz għat-trasport ċirkulari għandu jitwaqqaf.

*2.1.1* Il-Kunsillier M. Debono ippropona li din l-ittra għandha tiġi ppubblikata fil-magazine tal-Kunsill.

*2.1.2* Ma ttieħed l-ebda vot dwar din il-proposta.

*2.1.3.* Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill għandu jerġa' jikteb lit-TM fejn jinforma li din l-Awtorita' li s-servizz huwa pprovdut permezz ta' *mini bus* u mhux ta' karozza tal-linja. Is-Sindku pproponiet li l-TM għandha tkun mgħarfa li madwar 70% tal-popolazzjoni ta' 'Tas-Sliema hija anzjana u li dan is-servizz jintuża biex l-anzjani jitwasslu minn djarhom għal postijiet bħal ma hi l-Berġa. Qalet ukoll li t-TM għandha tkun mgħarfa li s-servizz jingħata b'xejn lir-residenti, kif ukoll lid an is-servizz jintuża ħafna fix-xhur tas-sajf.

*2.1.4.* Il-Viċi Sindku C. Engerer issekonda.

*2.1.5.* Kien hemm qbil unanimu favur din il-proposta mill-Kunsill.

2.2 Il-Viċi Sindku fakkar li kien ġie propost li jsir *bicycle lane* tul Triq it-Torri.

*2.2.1* Il-Kunsillier M. Debono qal li tlett snin ilu kien diġa sar eżerċizzju biex jkun jista' jigi implimentat *bicycle lane* iżda qal li f'punt partikolari ħdejn it-Tower Palace Hotel, il-*bicycle lane* jista' jkun kagun ta' ħabtiet bejn karozzi tal-linja u li allura dan il-*bicycle lane* ma tantx hu vijabbli.

*2.2.2* Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-ufficcju amministrattiv kiteb lit-Transport Malta biex jivverifika jekk dan il-bicycle lane jistax jigi implimentat.

2.3 Il-Viċi Sindku staqsa jekk kienux se jitwaħħlu *bollards* fuq il-bankini kif propost f'laqgħat precedenti.

*2.3.1* Is-Sindku qalet li kienet infurmata li t-Trasport Malta ma kienetx għadha ħadet deċiżjoni dwar dan.

2.4 Il-Kunsillier J. Galea staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva pagament mill-kumpanija *Active Enterprises.*

*2.4.1* Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-Kunsill bagħat korrispondenza lil din il-kumpanija iżda għadu ma rċeviex il-ħlas.

2.5 Il-Kunsillier S. Camilleri ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar ir-*reimbursement* li kien sar lill-Viċi Sindku in konnessjoni ma' ħlas li kien għamel hu waqt waħda mill-attivitajiet kulturali tal-Kunsill. Hi qalet li dan m'għandux ikun hekk iżda li kull ħlas għal servizz waqt dawn l-attivitajiet għandu jsir dirett lill-provditur tar-servizz wara li l-Kunsill ikun ircieva *invoice.*

**3. Komunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Is-Sindku pproponiet li l-Berġa għandha tmur lura fi Triq Rudolfu, biex il-kamra bi swiet il-Kunsill li kienet qed tintuża mill-Berġa tkun tista' tintuża mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

*3.1.1* Saret diskussjoni dwar minn kellu jinforma lill-awtoritajiet kompetenti. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li dan il-progett għandu jkun ir-responsabilta tal-Kunsillier P. Pace minħabba li affarijiet relatati ma saħħa jaqaw taħt id-dekasteru tal-Kunsillier P. Pace.

3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li kienet ltaqgħet mas-*Sliema Heritage Society.* Qalet li din l-organizzazzjoni mhux governattiva Slimiza kienet qegħdha titlob l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill biex tkun tista' teżebixxi xi oġġetti ta' natura storika fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

*3.2.1* Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill jagħti l-fakulta lis-*Sliema Heritage Society* biex teżebixxi dawn l-oġġetti b'kundizzjoni li l-Kunsill ma jintrabatx li l-ezebizzjoni tkun waħda permanenti. Il-Viċi Sindku issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

3.3 Saret diskussjoni dwar l-ufficcini tal-Kunsill u dwar il-possibilita li l-ufficcini jiġu rilokati post iktar centrali

*3.3.1* Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill jitlob għad-devoluzzjoni tal-Fortizza.

*3.3.2* Il-Kunsillier Y. Cali qal li jekk il-Kunsill jaccetta lest li jieħu ħsieb dan il-progett.

*3.3.3* Is-Sindku pproponiet li għandha tintalab id-devoluzzjoni tal-Fortizza u li l-Kunsillier Cali għandu jkun responsabbli minn dan il-proġett. Il-Viċi Sindku ssekonda.

*3.3.4* Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li s-*Sliema Heritage Society* qegħdin jitolbu il-permess tal-Kunsill biex iwettqu studju dwar l-*air raid shelters.* Hi qalet li l-Kunsill ma kienx se jidhol fl-ebda spejjez. Il-Vici Sindku ssekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

3.5. Saret diskussjoni dwar il-magazine tal-Kunsill u dwar il-kontribuzzjonijiet fil-*magazine.* Il-Kunsillier Y. Cali qal li ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jintbgħat artiklu fil-*magazine* minn organizzazzjonijiet mhux governattivi Slimizi izda sostna li ma tistax tinżamm paġna partikulari kull darba għal kull min irid jikteb fil-*magazine.* Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti.

3.6. Is-Sindku ressqet għal attenzjoni tal-Kunsill proposta tas-*Sliema Heritage Society* biex din l-organizzazzjoni tagħmel studju biex ikunu ppreżervati is-sinjali tat-toroq l-antiki. Il-Kunsill m'għandu jidhol fl-ebda spejjeż biex isir dan l-istudju. Il-Viċi Sindku ssekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti. Il-Kunsill qabel ukoll li taħt kull plakka antika għandu jkun hemm tabella li tindika li s-sinjal tat-triq partikolari huwa antik.

3.7 Is-Sindku ressqet għal attenzjoni tal-Kunsill proposta tas-*Sliema Heritage Society* biex l-organizzazzjoni tagħmel korsijiet fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku ssekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti iżda gie innutat li l-Kunsill għandu jkun infurmat qabel ma jsiru korsijiet jew laqgħat mis-*Sliema Heritage Society* fl-ufficcju amministrattiv.

3.8 Is-Sindku qalet li s-*Sliema Heritage Society* tablet l-għajnuna tal-Kunsill biex tkun tista' jkollha aċċess għal pjanti tax-xelters. Il-Viċi Sindku ssekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti.

3.9 Il-Kunsillier N. Gauci ppropona li l-Kunsill għandu jistaqsi jekk hemmx fondi partikolari biex l-Kunsill ikun mgħejun jirranġa x-xelters. Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill kien diġa qabel li għandu japplika għal proġett iffinnanzjat mill-Fond għall-Izvilupp Regjonali għax-xelter ta' Triq Dingli.

3.10 Is-Sindku ressqet għall-attenzjoni proposta tal-Kunsilliera M. Aquilina u S. Camilleri biex ikun orgnizzat festival internazzjonali ta' kant u zfin fil-fidu ta' Lulju 2011.

3.10.1 Saret diskussjoni dwar id-dati għal din l-attivita'. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier N. Gauci ġibdu l-attenzjonital-Kunsill li d-dati proposti kienu se jahbtu ma' festa tal-lokalita, cioe dik tas-Sacro Cuor.

3.10.2 Kien hemm qbil li l-attivita tittella' wara l-4 ta' Lulju, 2011 u li ssir kemm fi Gnien Indipendenza kif ukoll fi Pjazza Sant'Anna.

3.10.3 Is-Sindku ppproponiet li jinħarġu sejħiet għal kwotazzjonijiet kif gej: għall-organizzatur tal-attivita'; għal żewġ stages, għal dwal u u sound, għad-diżinn tal-poster, għal mejda tal-gurija u s-siġġijiet tal-gurija u tal-udjenza. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' dan.

3.10.4 Is-Sindku ppproponiet li eqreb lejn id-data għandhom ikunu ppubblikati avviżi fil-gazzetti kollha u fil-*magazine* tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' dan.

3.10.5 Is-Sindku qalet li l-organizzattur jingħata l-fakulta mill-Kunsill biex jagħti s-suġġerimenti lill-Kunsill izda li ma jistax jiehu decizjonijiet hu u li l-Kunsill ghandu jinzamm infurmat kostentament waqt l-organizzazzjoni tal-attivita'. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' dan.

3.10.6 Is-Sindku qalet li kienet infurmata li għandu jkun hemm *partecipation fee* ta' Euro 45. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' dan.

3.11 Il-Kunsillier N. Gauci ppropona li l-Kunsill għandu jorganizza *street party* għar-residenti Slimiżi. Is-Sindku talbet lill-Kunsillier Gauci biex jipprepara pjan dettaljat u li għandu jitressaq għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill fis-seduta li jmiss.

3.12 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-Kumitat għal Attivitajiet Socjali kien se jorganizza attivita' fil-11 ta' Mejju 2011 fil-kumpless sportiv tas-Sliema Wanderers għar-residenti Slimiżi u li din kienet waħda mill-programm ta' attivitajiet socjali u kulturali organizzati kull xahar.

3.13 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li s-Sliema Wanderers talbu paġna fil-*magazine* tal-Kunsill. Is-Sindku qalet li l-artikli għandhom jiġu indirizzati lill-Editur u li l-Editur eventwalment jagħżel l-artikli li għandhom ikunu inklużi fil-*magazine.*

3.14 Saret diskussjoni dwar il-possibilta' li l-Kunsill jippromwovi u jorganizza attivitajiet sportivi f'Tas-Sliema għall-anzjani. Il-Kunsillier Y. Cali qal li l-Kunsill għandu jesplora l-possibiltajiet kollha u li jkun aħjar jekk

il-Kunsill joħroġ *Expression of Interest* għal organizzazzjonijiet f'Tas-Sliema biex hekk jikseb informazzjoni dwar x'tip ta' faċilitajiet sportivi jezistu u dwar l-attivitajiet li jistgħu jkunu organizzati.

***Il-Kunsillier E. Cuschieri ġie skużat li joħroġ mis-seduta fit-8.10 ta' filgħaxija.***

3.15 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li d-Dipartiment għal Gvern Lokali kien approva l-istimi tal-PPP u li l-pass li jmiss kien li tinħareġ is-sejħa għall-offerti. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-avviż jinħareġ nhar il-Ġimgħa 8 ta' April, 2011 u li minħabba li l-proġett f'Tas-Sliema waqa' lura, l-avviż għandu jinħareġ għal perjodu ta' ġimgħatejn.

*3.15.1* Il-Kunsillier M. Debono staqsa għal kopja tat-*tender document*.

*3.15.2* Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li dan id-dokument huwa *standard* ħlief għall-kejl u l-ammonti li jidher fil-BOQ u s-*site plan* tat-toroq magħzula. Qalet li se tibgħat id-dokument u s-site plans, kif ukoll kopja tal-korrispondenza relatata mal-progett tal-asfaltar tat-toroq permezz tal-PPP mid-Dipartiment għal Gvern Lokali lill-Kunsilliera kollha.

***Il-Kunsillier E. Cuschieri rega' daħal lura għas-seduta fit-8.12 ta' filgħaxija.***

*3.15.3* Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li qabel ma tiġi aġġudikata s-sejħa għall-offerti tal-PPP, il-Kunsill irid ikollu l-approvazzjoni tad-Dipartiment għal Gvern Lokali.

***Il-Kunsilliera N. Gauci u P. Pace ġew skużati li joħroġu mis-seduta fit-8.14 ta' filgħaxija.***

3.16 Il-Viċi Sindku ippropona l-ħruġ ta' sejħa għall-kwotazzjonijiet għas-servizz ta' perit għall-proġett tax-xelters. Il-Viċi Sindku spjega li jekk il-perit imqabbad mill-Kunsill ikun impjegat tal-Gvern, il-Kunsill ma jibbenefikax mill-programm ta' fondi għaliex waħda mill-kundizzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Izvilupp Regjonali, li taħtu se japplika l-Kunsill għal din il-progett tispecifika li perit li jaħdem mal-Gvern mhux elegibbli biex jitħallas minn dan il-Programm ta' Fondi. Is-Sindku ssekondat.

*3.16.1* Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta kif ukoll li l-avviż għandu jinħareġ għal perjodu ta' ġimgħatejn minħabba li d-data tal-għeluq tas-sottomissjonijiet tad-disinji tax-xelter mill-perit li se jintagħżel mill-Kunsill kienet is-6 ta' Mejju 2011.

***Il-Kunsilliera N. Gauci u P. Pace daħlu lura għas-seduta fit-8.16 ta' filgħaxija.***

3.17 Il-Kunsillier P. Pace ressaq għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill proposta biex ma jibqax responsabbli mis-sotto kumitat tal-ambjent għaliex fil-fehma tiegħu, minħabba l-ispecjalizzazzjoni tiegħu, jħoss li jista'

jagħti sehem u kontribuzzjoni akbar fis-sotto kumitat tas-saħħa. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

*3.17.1* Is-Sindku pproponiet li l-Kunsillier M. Debono għandu jieħu r-responsabilta tas-sotto kumitat tal-ambjent. Il-Kunsillier N. Gauci issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

3.18 Il-Kunsill iddiskuta l-implimentazzjoni tar-*Residential Parking Zones.* Il-Viċi Sindku qal li jaqbel li *r-Residential Parking Zones* jiġu implementati. Is-Sindku qalet li l-Maġġur Peter Ripard offra li jiltaqa' mal-Kunsill biex jispjega l-aħjar mod kif tista' ssir l-implimentazzjoni ta' dawn iz-zoni.

*3.18.1* Il-Kunsillier M. Debono qal li l-Kunsill ilu jaħdem madwar erba' snin biex ikun jista' jimplimenta dawn iz-zoni. Huwa qal li l-Kunsill diġa' għandu rapporti lesti u issuġġerixxa li ssir laqgħa apposta dwar dan is-suġġett għall-Kunsilliera biss.

*3.18.2* Is-Sindku pproponiet li l-Kunsillier Debono għandu jaġġorna lill-Kunsill l-implimentazzjoni tar-*Residential Parking Zones* hu pproponiet li ssir laqgħa informali nhar l-Erbgħa 13 ta' April 2011 fl-4.30 ta' wara nofsinhar.

*3.18.3* Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

3.19 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza mis-Sur Brian Vaigar dwar attivita' li kienet se tkun organizzata mis-Sacro Cuor. Il-Vici Sindku ssekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandu jinħareg il-permess tal-Kunsill biex is-Sur Vaigar jorganizza din l-attivita'.

3.20 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza dwar talba għal ħrug ta' permess għal *tower crane* fi Triq Sir Arturo Mercieca.

*3.20.1* Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif maqbul waqt laqgħa precedenti tal-Kunsill kull applikazzjoni għal *tower crane* tintbagħat lill-Perit tal-Kunsill għal parir professjonali tiegħu qabel ma jinħareg il-permess.

*3.20.2* Il-Kunsillier J. Galea ppropona li għandu jingħata jumejn ċans lill-Kunsilliera biex jikkumentaw dwar korrispondenza li l-Kunsill jirċievi rigward *tower cranes* u li din eventwalment tintbagħat lill-Perit tal-Kunsill għall-opinjoni tiegħu. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

*3.20.3* Kien hemm diskussjoni dwar il-*performance* tal-Perit.

*3.20.4* Is-Segretarju Eżekuttiv kienet mistoqsija dwar materji pendenti li l-Perit għad irid iwieġeb lill-Kunsill dwarhom.

*3.20.5* Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li kien hemm affarijiet pendenti bħal certifikazzjoni fuq xogħlijiet. ta' asfaltar u bankini, u l-proposta mitluba mill-Kunsill dwar fuq liema naħa tat-triq għandhom ikunu impingija l-*parking bays* fi Triq Sant'Enriku, fost oħrajn.

*3.20.6* Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandha ssir laqgħa mal-Perit nhar l-Erbgħa 13 t'April, 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.

*3.20.7* Il-Kunsill kompla jiddiskuti l-ħruġ tal-permess għat-*tower crane* fi Triq Sir Arturo Mercieca.

*3.20.8* Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill joħroġ il-permess iżda li jitlob gwida mill-Perit u mit-Transport Malta. Il-Viċi Sindku issekonda. Il-Kunsilliera Y. Cali, E. Cuschieri u J. Galea ivvotaw favur. Il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri u P. Pace ivvotaw kontra. Il-Kunsilliera M. Debono u N. Gauci astjenew. Il-proposta għaddiet b' ħames (5) voti favur.

**4. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni: Skeda ta' Pagamenti**

4.1 Is-Sindku ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill l-iskeda tal-pagamenti li kienet diġa ġiet iccirkulati mal-Aġenda.

4.2 Il-Kunsillier N. Gauci talab li jingħata d-differenza tal-ammont tal-*allowance* li kien tnaqqaslu minħabba n-nuqqas ta' attendenza għal xi seduti. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-Kunsillier N. Gauci jingħata d-differenza tal-ammont li kien tnaqqaslu minħabba li kien hemm qbil f'seduta 31 li l-Kunsillier N. Gauci jiġi mniżżel bħala skużat u mhux assenti għaliex kien ta' r-raġunijiet għal assenza tiegħu.

***Il-Kunsilliera N. Gauci u P. Pace ġew skużati li joħorġu mis-seduta fid-9.13 ta' filgħaxija***

4.3. Il-Kunsillier Y. Cali talab għal kopja tal-*Fixed Assets Register.* Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li se tibgħat kopja tal-*Fixed Assets Register* lill-Kunsilliera kollha.

***Il-Kunsilliera N. Gauci u P. Pace daħlu lura għas-seduta fid-21.16 ta' filgħaxija***

4.4 Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti bir-referenza numru minn 362 sa 394

4.5 Il-Kunsillier M. Debono ppropona li l-Kunsill għandu jixtri *rechargeable batteries.*

*4.5.1* Is-Sindku ipproponiet li l-Kunsill għandu jixtri *charger* għal batteries.

*4.5.2* Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' dawn iż-żewġ proposti.

4.6 Dwar il-pagamenti bir-referenza numru 395, 396 u 397 ittieħed vot kif ġej:

*4.6.1* Is-Sindku ipproponiet li jiġu approvati il-pagamenti bir-referenza numru 395, 396 u 397. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsilliera Y. Cali, E. Cuschieri, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur. Il-Kunsilliera M.

Aquilina, S. Camilleri, M. Debono u N. Gauci astjenew. Il-pagamenti bin-numru 395, 396 u 397 ġew approvati b'sitt (6) voti favur.

4.7 Kien hemm qbil unanimu dwar il-pagamenti bir-referenza numru minn 398 sa 404.

4.8 Dwar il-pagament bir-referenza numru 405 ittieħed vot kif ġej:

*4.8.1* Is-Sindku ipproponiet li jiġi approvat il-pagament bir-referenza numru 405. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsilliera Y. Cali, E. Cuschieri, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur. Il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, M. Debono u N. Gauci astjenew. Il-pagament ġie approvat b'sitt (6) voti favur.

4.9 Kien hemm qbil unanimu dwar il-pagamenti bir-referenza numru 406, 419 u 420.

4.10 Dwar il-pagament bir-referenza numru 421 is-Segretarju Ezekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-*contracts manager* ma kienx ħadem ġimgħa xogħol fix-xahar ta' Marzu minħabba raġunijiet personali. Spjegat li l-kuntratt tiegħu jindika li jrid jaħdem erbghin siegħa fil-ġimgħa.

*4.10.1* Il-Kunsillier M. Debono ppropona li l-Kunsill jitlob *time sheet* għax-xahar ta' Marzu u li l-pagament għandu joħrog biss wara li l-Kunsill ikun ivverifika kif inħaddmu l-40 siegħa. Il-Kunsillier M. Debono ippropona wkoll li din it-*timesheet* tintbagħat mill-*contracts manager* kull xahar. Is-Sindku ssekondat.

*4.10.2* Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

4.11 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jiġu approvati l-pagamenti bir-referenza numru minn 422 sa 428.

4.12 Dwar il-pagamenti b'referenza minn numru 429 sa 448 ittieħed vot kif ġej:

*4.12.1* Is-Sindku ipproponiet li jiġu approvati l-pagamenti b'referenza minn numru 429 sa 448. Il-Viċi Sindku issekonda. Il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, E. Cuschieri, M. Debono, N. Gauci, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur. Il-Kunsilliera S. Camilleri ivvutat kontra għaliex qalet li ma taqbilx mal-mod kif kienu qed jiġu approvati l-pagamenti. Il-pagamenti b'referenza minn numru 429 sa 448 ġew approvati b' disa' (9) voti favur.

4.13 Dwar il-pagamenti b'referenza minn numru 449 sa 453 u 456, il-Kunsillier M. Debono talab li x-xogħlijiet li saru jiġu ċċertifikati mill-perit tal-Kunsill.

*4.13.1* Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li dawn il-pagamenti jinżammu *on hold* sakemm jiġu ċċertifikati.

4.14 Dwar il-pagamenti b'referenza minn numru 454 sa 455, u 457 ittieħed vot kif ġej:

*4.14.1* Is-Sindku ipproponiet li jiġu approvati l-pagamenti b'referenza minn numru 454 sa 455, u 457. Il-Viċi Sindku issekonda. Il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, E. Cuschieri, M. Debono, N. Gauci, J. Galea u P.

Pace ivvotaw favur. Il-Kunsilliera S. Camilleri ivvutat kontra. Il-pagamenti b'referenza minn numru 454 sa 455, u 457 ġew approvati b' disa' (9) voti favur.

4.15 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu mal-iskeda tal-pagamenti bin-numru taċ-ċekkijiet minn 11791 sa 11805 kif ukoll minn ċekk numru 11829 sa ċekk numru 11838.

**Affarijiet Oħra**

Il-Sindku talbet li tiġi sospiża l-laqgħa mill-procedimenti tagħha fid-9.16 ta' filgħaxija biex jitkellmu membri mill-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ Tas-Sliema dwar il-proġett tagħhom.

***Is-Seduta tkompliet fid-9.32 ta' filgħaxija.***

Il-Kunsill approva b'mod unanimu li jsir il-proġett propost mill-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ Tas-Sliema.

**Is-seduta ntemmet fid-9.35 ta' filgħaxija.**

**Kien hemm qbil li s-seduta tiġi aġġornata għal nhar l-Erbgħa 4 ta' Mejju, 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.**

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**

Minuti approvati llum ....11.... ......... ta' ....Mejju.... 2011.
(jum) (data) (xahar)